**Il-100 sena mill-ewwel fiera tal-Imnarja fil-Buskett**

Dokumenti mill-Arkivji Nazzjonali juru li 100 sena ilu, il-Kappillan ta' Ħad-Dingli, Dun Pawl Azzopardi, kiteb lill-Gvernatur jitolbu permess biex jorganizza fiera fil-ġonna tal-Buskett nhar it-28 u d-29 ta' Ġunju 1920. B'din il-fiera hu ried ikun ta' sostenn għall-foqra tar-raħal u biex jiġbor fondi għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħad-Dingli. Billi Ħad-Dingli kien maqtugħ għalih u 'l bogħod miċ-ċentru tal-gżira, ħaseb li biex il-fiera tkun suċċess issir waqt il-festi tal-Imnarja fil-Buskett fejn kien magħruf li l-konkorrenza tal-poplu tkun tajba. Din il-fiera baqgħet issir bl-impenn tal-membri tal-Kumitat Festa Esterna u biha ntlaħqu żewġ għanijiet: inżammet ħajja logħba tradizzjonali f'festa b'għeruq antiki u jinġabru fondi għall-festa ta' Santa Marija.


From whom Rev. Paolo Azzopardi, Parish Priest, Dingli.
Place
Date 27. 4. 1920.

Subject
Fair in aid of the poor and the Parish Church of Dingli; Requests permission to hold, at the Boschetto Gardens, on the 28th and 29th June.

Former papers

MINUTES.

H.H.,

The site where applicant proposes to hold the fair is shown by red colour on the attached plan.

2. As far as this Department is concerned there is no objection to this request being granted on condition that applicant shall be held responsible for any damages that might be caused by the fixing of poles etc.

3. I suggest reference to Superintendent of Agriculture and to the "Societa' Economica Agraria."

H. H.
There is no objection on the part of this Department, provided that applicant accepts the condition mentioned in para 2 of the foregoing minute.

Lt.Governor—17
7r. 4. 20.

Minħabba l-pandemija tal-coronavirus, din is-sena l-fiera ma saritx billi l-awtoritajiet ikkanċellaw l-attivitajiet tal-Imnarja fil-ġonna tal-Buskett. Madankollu, il-kumitat ħass li kellu jżomm ħajja r-rabta ma' din il-festa u nhar il-Ħadd 28 ta' Ġunju, lejlet l-Imnarja filgħaxija, organizza attività fuq l-irdum. Fil-fatt din kienet l-ewwel attività organizzata minna mindu ġie konfermat l-ewwel każ tal-virus f'Malta. Dakinhar, l-Arċipriet bierek l-annimali domestiċi u kien hemm bejgħ ta' ikel u xorb waqt li l-pubbliku seta' japprezza s-seħer tal-irdumijiet fi nżul ix-xemx. Minn hemmhekk 'il quddiem, il-kumitat reġa' beda jorganizza xi attivitajiet fuq barra.

**Stedina biex ngħinu mill-aħjar li nistgħu … GRAZZI**

Il-Kumitat Festa Esterna jirringrazzja lil dawk kollha li jikkollaboraw b'xogħol volontarju u b'għajnuna finanzjarja biex jintlaħaq l-għan li norganizzaw festa xierqa lil Santa Marija. Veru li din is-sena l-festa se tkun differenti, iżda aħna kommessi li dak li se jsir ikun l-aħjar għal Ħad-Dingli u li jagħti l-akbar ġieħ lil Santa Marija. Bl-għajnuna t'Alla mbagħad, sena oħra jasal ukoll!

Dehrilna li fiċ-ċirkustanzi ta' din is-sena, l-albural, li hu l-ġabra annwali bieb bieb għall-festa ta' barra ma ssirx. Madankollu hemm spejjeż li jridu jitħallsu, kemm għal affarijiet bażiċi li se jsiru f'jum il-festa kif ukoll għal proġetti ta' armar li aħna impenjati nwettqu fiż-żmien li ġej. Għaldaqstant varajna mezz elettroniku kif din is-sena tista' tagħti l-kontribut tiegħek biex il-Kumitat Festa Esterna jibqa' jagħmel festa sabiħa lil Santa Marija. B'*sms* fuq in-numru 50618800 tkun qed tagħti donazzjoni ta' €6.99. In-numru se jibqa' attiv sal-aħħar ta' Awwissu 2020.

Inroddu ħajr mill-qalb lill-poplu kollu ta' Ħad-Dingli għall-appoġġ kontinwu tiegħu f'din il-ħidma li aħna nafdaw f'idejn Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd u Viva Santa Marija**